MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IT-TMIEN KUNSILL**

SEDUTA NRU. 33

24 ta' Novembru 2021

Minuti tas-seduta Nru. 33 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Nru. 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar l-Erbgħa 24 ta' Novembru 2021 fis-6.00 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa permezz tal-internet u irrekordjata. L-istess *recording* jista' jitniżżel mis-sit elettroniku: https://corterm.com/vod/members/mellieha/

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku D. Vella.

## 1.1. Minuti

1.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini aċċennat għall-minuta 5.2.2. **(Ref: P/2/1; P/4/22)** fil-minuti tas-seduta preċedenti u talbet li din tinqara kif ġej:

*"5.2.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg staqsa dwar jekk l-istima tinkludix ukoll sistema ta' irrigazzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono wieġeb li l-bill of quantities jinkludi l-iskavar u l-kostruzzjoni. Is-Sur J. Buttigieg qal ukoll li nterventi simili għandhom isiru wkoll fil-Park tal-Familja fejn hemm ġibjun li qatt ma ntuża, minkejja li għandu kapaċità suffiċċjenti sabiex issir tisqija fid-diversi partijiet tiegħu.".*

1.3. Il-Kunsillier K. Buttigieg rrefera għall-minuta 5.21.2. **(Ref: P/10/35)** tas-seduta ta' qabel u ppropona li din tinqara hekk:

*"5.21.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg irrefera għall-proġett imsemmi, li l-implimentazzjoni tiegħu ġiet posposta sal-31 ta' Lulju 2021, minħabba l-pandemija. Meta ntalbet l-ewwel estensjoni fit-30 ta' April 2020 l-implimentazzjoni kellha ssir sat-31 ta' Lulju 2021. It-tieni estensjoni ma ntalbitx u għaldaqstant il-proġett waqa' u l-awtorità ta' ġestjoni, l-European Union Programmes Agency, talbet il-ħlas lura ta' €22,548.".*

1.4. Il-minuti tas-Seduta Nru. 32, li saret fit-28 ta' Ottubru 2021, ġew approvati bl-emendi proposti. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku: Minutes List (gov.mt)

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. PA/09876/19 & PA/01948/20 – Pubblikazzjoni tar-Rapport dwar l-Impatt Ambjent fuq l-iżvilupp mill-ġdid tal-Mellieħa Bay Hotel (P/5/8/G)

2.1.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono irrefera għall-minuta 9.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf li il-laqgħa pubblika mgħajta mill-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi saret fit-23 ta' Novembru 2021. Din kienet segwita virtwalment, flimkien miegħu, is-Sindku D. Vella, il-Viċi Sindku J. Buttigieg, u l-Kunsillier K. Buttigieg. Kien hemm ukoll preżenti l-perit inkarigat mill-proġett, kif ukoll l-iżviluppaturi u membri tal-pubbliku, fosthom residenti, li kienu jammontaw għall-25 persuna. Fl-istess laqgħa saret preżentazzjoni dettaljata fuq l-istudju dwar l-impatt ambjentali (EIA) mill-konsulenti nkarigati - Adi Associates - li fost dettalji mogħtija aċċennaw għall-konsultazzjoni li għamlu mal-Kunsill u aċċennaw għall-punti kollha rilevati fil-laqgħa tat-3 ta' Novembru 2021 .

2.1.3. Is-Sindku D. Vella qal li fil-laqgħa pubblika tat-23 ta' Novembru l-Kunsill kien sostna li:

- L-EIA mhuwiex daqshekk konvinċenti dwar il-benefiċċji li jsiru *batching plant* u *crusher* fis-sit ta' kostruzzjoni, meta huwa magħruf li t-terrapien jew blat li jrid jinqata' mhuwiex addattat sabiex jintuża għall-konkos.

- Ġaladarba jkun meħtieġ li l-materjal kollu jrid jinġieb fuq il-post, ikun jagħmel sens li dan jiġi pproċessat f'*batching plants* u *crushers* f'siti awtorizzati, u hekk jitnaqqsu konsiderevolment il-ħsejjes u trabijiet f'post daqshekk sensittiv.

- Għandhom jiġu stabbiliti r-rotot li jridu jkunu segwiti sabiex jinġarr terrapien żejjed li jiġi ġġenerat fis-sit.

- Mill-*photomontages* ippreżentati, jidher li l-akbar impatt viżwali ser jirriżulta meta wieħed iħares mid-direzzjoni tat-Torri l-Aħmar. Għaldaqstant kien propost li fuq l-art konċessa mill-Gvern lill-iżviluppaturi, għandhom jitħawwlu s-siġar sabiex jgħattu l-binja proposta.

- Għalkemm ma ssemmietx waqt il-laqgħa, għandu jsir aċċenn għall-impatt viżwali tal-ħajt propost li propost jinbena biswit xatt-il baħar, fuq in-naħa tax-xelluġ tal-lukanda. Huwa rrakkomandat li dan il-ħajt jiġi eliminat u l-*landscaping* li jsir isegwi l-kontorni tal-art, kif huwa propost li jsir fuq in-naħa tax-xelluġ tal-lukanda, meta wieħed iħares lejha minn naħa l-oħra tal-bajja.

2.1.4. Il-Kunsill qabel li dawn il-punti għandhom jiġu komunikati lill-ERA sat-30 ta' Novembru 2021.

### 2.2.1. *Malta Olympic Committee Sports Awards* (N/1/Vol II)

2.4.2. Saret referenza għall-minuta 2.4.1. fil-minuti tas-seduta preċedenti. Il-Kunsillier K. Buttigieg għarraf li ġiet sottomessa n-nomina tal-Kunsill abbażi tal-inizjattivi meħuda matul l-2020 u l-2021. Huwa għarraf li s-serata li fiha ser jiġu ppreżentati l-premjijiet kellha ssir fis-7 ta' Diċembru 2021, iżda ġiet posposta għall-15 ta' Jannar 2022.

2.4.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.5.1. *President's Solidarity Fun Run 2021* (K/11)

2.5.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg irrefera għall-minuta 2.5.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf li l-attività msemmija seħħet kif ippjanat fil-21 ta' Novembru 2021 u għaliha rreġistraw 250 persuna, u fil-fatt ħadu sehem 220 parteċipant, li 110 minnhom kienu diriġenti u tfal mill-Mellieħa Football School, filwaqt li kien hemm persuni li jattendu ċ-Ċentru Anzjanità Attiva. Kompla jgħid li l-parteċipanti inqasmu fi tliet gruppi ta' inqas minn mija. Minkejja li kien hemm nuqqas ta' superviżjoni minn naħa tal-forzi tal-ordni, il-mixja bdiet u spiċċat Selmun u kienet tinkludi:

Triq Selmun, Kbira, Tas-Salib, San Ġorġ, San Ġużepp, Kappillan Magri, Mitħna l-Ġdida, Edward Camilleri, Modd, Vincenzo Ciappara, Għorgħar, Ta' Masrija, Fortizza, Kbira, u Triq Selmun.

2.5.3. Is-Sur K. Buttigieg, qal ukoll li wara l-mixja, l-kordinaturi mil-lokalitajiet varji kienu mistiedna jattendu għal ċerimonja fil-Palazz ta' San Anton, fejn ġiet preżentata tifikira tal-okkażjoni mill-President ta' Malta l-Eċċ. Tiegħu Dr Ġorġ Vella.

2.5.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.6.1. Proġett – *Young Achievers*** **(Z/1/Vol II)**

2.6.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg irrefera għall-minuta 5.22.1. tas-seduta preċedenti ppropona li jittellgħu *fun games* bil-parteċipazzjoni tat-timijiet tal-baseball, netball, flimkien mal-*Mellieħa Football School* u bil-fondi pprovduti jinxtara tagħmir li jkun imqassam kif ġej:

| | |
|---|---|
| *Football School* | €1,600 |
| Tim tan-Netball | € 500 |
| Tim tal-Baseball | € 500 |

2.6.3. Kien propost ukoll li l-attività ssir fil-Ground Ta' Pennellu nhar il-Ħadd 28 ta' Novembru 2021, bejn it-08:00 u 12:00. Għaliha ġew mistiedna jattendu il-Ministru għall-Ġustizzja u l-Governanza l-Onor. E. Zammit Lewis, u l-Ministru għall-Ugwaljanza, Riċerka u Innovazzjoni, l-Onor. O. Bonnici. Is-Sur K. Buttigieg qal ukoll li kien hemm kuntatti mas-SEDQA sabiex jintrama *stand* dwar l-ħidma tal-istess aġenzija fost iż-żgħażagħ.

2.6.4. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa.

**2.7.1. Parteċipazzjoni fil-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2021** **(F/5)**

2.7.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 5.24.1. tas-seduta ta' qabel u permezz tal-festival kien hemm €244 f'bejgħ ta' kotba.

2.7.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg ikkummenta li l-istand jista' ikun aktar attrajenti jekk jitpoġġew faċilitaiet awdjo-viżivi.

2.7.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.8.1. Żjara mill-*Unit* għall-Għoti tad-Demm** **(M/9/Vol VI)**

2.8.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini, għarrfet li l-*mobile blood unit* kien fil-Mellieħa nhar il-Ħadd 31 ta' Ottubru 2021 bejn it-8:30am sas-1:00pm. Hija aċċennat li 30 persuna taw id-demm.

2.8.3. Il-Kunsillier I. Castillo kkummenta li dawn iż-żjarat ma jingħatawx pubbliċità biżżejjed.

2.8.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**3.1.1. Dwal ġodda fi Triq il-Birwina** **(E/1/3/Vol IV)**

3.1.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar rreferiet għal ilmenti li saru mir-residenti ta' Triq il-Birwina billi dan inqata minħabba xogħlijiet li għaddejjin. Hija staqsiet dwar kemm ser jieħu żmien dan ix-xogħol.

3.1.3. Is-Segretarju wieġeb li fl-imsemmija trieq ġew introdotti żewġ lampi fuq l-arbli li kienu jeħtieġu tħaffir ta' trinka fil-bankina. Fuq struzzjonijiet tal-Enemalta, kellha tinqata l-provista tal-lampi eżistenti sakemm jitqabbdu dawk ġodda.

3.1.4. Il-Kunsillier I. Castillo kkummenta li jeżisti metodu proviżorju sabiex il-provista għal-lampi eżistenti ma tinqatax.

### 3.2.1. Xoghlijiet korrettivi fi Triq Lewis Wettinger (T/4/4/Vol II)

3.2.2. Il-Kunsillier I. Castillo staqsa dwar jekk huwiex ser jerġa jinqala l-wiċċ diffettuż tat-triq imsemmija, fil-parti bejn ir-*roundabout* ta' Selmun u t-triq li tagħti għall-Miżieb.

3.2.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono qal li ftit jiem qabel il-Kap Eżekuttiv ta' Infrastructure Malta wieġeb fl-affermattiv, meta saritlu l-istess mistoqsija fi programm fuq l-istazzjoni tar-radju nazzjonali.

### 3.3.1. Bord tat-tmexxija dwar l-Imsaġar tal-Aħrax u l-Miżieb (A/3/Vol III)

3.3.2. Il-Kunsillier I. Castillo staqsa dwar jekk il-bord imsemmi ġiex kostitwit u jiffunzjona.

3.3.3. Is-Sindku D. Vella qal li l-implimentazzjoni tal-ftehim li sar bejn l-Awtorità tal-Artijiet u l-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti hija wieqfa, b'riżultat tar-Rikors 92/2020/1, li ġie ppreżentat fl-20 ta' Lulju 2021, mir-*Ramblers' Association* kontra l-Awtorità tal-Artijiet

## 4.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 19/11/21;
- Skeda ta' Pagamenti – 27/10/21 – 19/11/21;
- Skeda ta' Infieq li sar permezz tal-*Petty Cash* – 05/10/21 – 10/11/21;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet.

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

### 5.1.1. Użu tal-parkeġġ fl-Għadira għall-ikkampju fix-xhur tax-xitwa (C/4/Vol VI)

5.1.2. Saret referenza għal imejl datat 4 ta' Novembru 2021, fejn l-assoċjazzjoni msemmija talbet sabiex jintuża l-parkeġġ tal-Għadira għall-ikkampjar għall-perjodu tax-xitwa. Dan peress li l-parkeġġ ma jkunx mimli fix-xhur tax-xitwa u żgur li ma joħloqx inkonvenjent lill-pubbliku. Dan isir bil-permess u kundizzjonijiet li l-Kunsill Lokali jħoss li huma xierqa.

5.1.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono ġibed l-attenzjoni li huwa ferm dubjuż kemm il-Kunsill huwa kompetenti jiddeċiedi fuq din it-talba, billi l-proċess ta' devoluzzjoni għadu għaddej. Kompla jgħarraf li attwalment dan jinsab wieqaf peress li jrid jiġi stabbilit it-tip ta' *business plan* li għandu jitħejja. Huwa ppropona li ssir laqgħa mal-uffiċjal konċernat fi ħdan id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali u l-*accountant* inkarigat bil-għan li jitkompla l-proċess.

5.1.4. Apparti l-punt imqajjem skont il-minuta 5.1.3. il-Kunsill kien tal-fehma li t-talba mhijiex kompatibbli mal-permess maħruġ mill-Awtorità tal-Ippjanar, u għaldaqstant ma tistax tiġi milqugħa.

### 5.2.1. Riċeviment ta' tieġ fi Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II (A/6/3/2/Vol 93)

5.2.2. Saret referenza għal imejl datat 22 ta' Novembru 2021 fejn koppja talbu permess dwar l-attività msemmija, bl-istess mod li jsiru attivitajiet reliġjużi, politiċi, kulturali eċċ fl-istess post.

5.2.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono qal li l-attivitajiet reliġjużi u politiċi huma regolati bil-Kodiċi tal-Pulizija, filwaqt li dawk kulturali huma regolati skont L.S. 441.04. Ġie spjegat li biex post ikun jista' jintuża għall-iskop in kwistjoni jeħtieġ li jkun hemm *bye-laws* fis-seħħ.

5.2.4. Il-Kunsill ma laqax it-talba abbażi tar-raġunijiet indikat fil-minuta preċedenti.

### 5.3.1. *Mobile App* tal-Kunsill (I/1/3/Vol VI)

5.3.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li fornitur tas-servizz inkarigat biex jmantni il-*mobile app* tal-Kunsill għarraf li b'effett minn Jannar 2022 ser jgħolli r-rata tal-ħlas tiegħu b'136% minn €25 għal €59 bil-VAT inkluża.

5.3.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li qabel tittieħed deċiżjoni, għandha tintalab statistika mingħand l-istess *provider* dwar kemm:

(a) Kemm kien hemm persuni li niżżlu l-app minn meta din ġiet introdotta f'Settembru 2017;

(b) Minn Jannar 2021:

i. Kemm il-darba ġiet aċċessata;
ii. Kemm tressqu ilmenti; u
iii. Kemm kien in-numru ta' servizzi li ntalbu permezz tal-app.

### 5.4.1. Talba għall-permess temporanju għat-tqegħid ta' imwejjed u siġġijiet quddiem "Square Gastro Bar" – Misraħ il-Parroċċa (T/4/10/Vol II)

5.4.2. Saret referenza għal applikazzjoni mressqa lill-Awtorità Maltija tat-Turiżmu fid-19 ta' Novembru 2021 sabiex jiġu okkupati tliet postijiet għall-ipparkjar bejn l-istabbiliment imsemmi u r-residenza tal-Arċipriet.

5.4.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għat-talba bil-kundizzjonijiet segwenti:

(a) L-għamara titpoġġa fit-tliet (3) postijiet ta' parkeġġ eżistenti indikati fil-pjanta mehmuża mat-talba;
(b) Għandu jitħalla passaġġ pedonali ta' 1.5 metri bejn l-għamara proposta u l-faċċata tal-istabbiliment;
(c) L-ebda għamara ma titqiegħed quddiem il-bini ta' terzi sakemm ma jinkisebx kunsens bil-miktub għal dan il-għan; u
(d) L-għamara kollha għandha titneħħa sas-6 ta' Jannar 2022, jew mat-tneħħija tar-regolamenti tad-distanza soċjali relatati mal-COVID-19, jew fid-diskrezzjoni tal-Awtorità Maltija tat-Turiżmu, skont liema minnhom jiġi l-ewwel.

### 5.5.1. *Mini-roundabout* fi Triq il-Mitħna l-Ġdida / Kappillan Magri / Santa Marija / Muna (T/3/2/Vol XVI)

5.5.2. Saret referenza għal imejl datat 20 ta' Ottubru 2021, fejn saret talba mill-Unscheduled Bus Service bil-għan li jingħata permess lix-xuffiera tal-kowċis li jiġbru t-tfal tal-iskola sabiex jevitaw li jduru mar-*roundabout* imsemmija, peress li d-daqs tagħhom ma jippermettix.

5.5.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li m'għandux ikun hemm eċċezzjonijiet għall-osservanza ta' arranġamenti fis-seħħ. Kien osservat ukoll li t-trasport tat-tfal jista' iseġwi rotta oħra tramite Triq Lewis Wettinger.

### 5.6.1. Servizz dwar il-ġbir ta' żejt tal-ikel użat (K/6/11)

5.6.2. Saret referenza għal imejl datata 10 ta' Novembru 2021, fejn Prefablightblue Partnership offrew li jiġbru żejt użat minn stabbilmenti li jservu l-ikel, kif ukoll billi jpoġġu reċipjenti apposta fejn għandhom il-kontenituri għad-depożitu ta' ħwejjeġ użati.

5.6.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li jsir ġbir ta' żejt tal-ikel użat minn stabbilimenti li jservu l-ikel, filwaqt li oġġezzjona għat-tqegħid ta' kontenituri għall-istess għan biswit il-kaxxi għad-depożitu tal-ħwejjeġ.

5.6.4. Dwar l-użu li jsir mill-kontenituri wżati għad-depożitu tal-ħwejjeġ ingħatat din l-istatistika:

2018 – żewġ kontenituri – 12,300 Kg
2020– ħames kontenituri – 48,500 Kg
2020 – ħames kontenituri – 48,200 Kg
2021 – ħames kontenituri – 32,400 Kg (sal-31/10/2021)

5.6.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.7.1. Introduzzjoni ta' sistema *one-way* fi Dun Franġisk Sciberras (T/3/2/Vol XVI)

5.7.2. Il-Kunsillier I. Castillo ppropona li jiġi ntrodott l-arranġament imsemmi fil-parti bejn Triq Franġisk Zahra u Triq Adenau.

5.7.3. Il-Kunsill iddiskuta l-proposta u kien hemm qbil li din tista' tkun fattibbli, kemm-il darba traffiku fi Triq Sant' Elena u fi Triq Franġisk Zahra ikun jista' jibqa' nieżel fi Triq Dun Franġisk Sciberras u joħroġ minn Triq Adenau. Il-part t'isfel ta' Triq Dun Franġisk, li tagħlaq, tibqa' tieħu traffiku fiż-żewġ direzzjonijiet, filwaqt li Triq Sant' Elena ssir *one-way* bi dħul minn Triq Ġorġ Borg Olivier.

5.7.4. Il-Kunsillier K. Buttigieg ippropona li d-dħul ta' vetturi kbar fi Triq Franġisk Zahra għandu jkun ipprojbit minn Triq il-Kbira 'l isfel, peress li l-wisa' tat-triq ma jippermettix.

5.7.5. Il-Kunsill talab li l-arranġamenti skont il-minuti 5.7.3. u 5.7.4. jiġi komunikat lil Transport Malta għall-konsiderazzjoni minn naħa tagħhom.

## 5.8.1. Qatgħa vojta fi Triq il-Mitħna l-Qadima k/m Triq id-Deru (P/5/2/Vol II)

5.8.2. Il-Kunsillier I. Castillo aċċenna għal qatgħa li tinsab fil-post imsemmi, li għadha mhux żviluppata u fiha qed jintrema skart li jkerraħ il-post.

5.8.3. Is-Segretarju Eżekuttiv, qal li s-sit jinsab bejn żewġ qtajja' li diġa huma żviluppati, filwaqt li diġa jeżisti hajt ta' sitt filati bejn it-triq u s-sit in kwistjoni.

## 5.9.1. Estensjoni ta' faċilitajiet ta' ħatt/tagħbija fi Triq l-Etna (T/3/2/Vol XVI)

5.9.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg irrefera għall-arranġament imsemmi, li kien approvat fis-Seduta Nru. 31 tas-27 ta' Settembru 2021. Wara li din ġiet implimentati huwa ġie avviċinat minn xi residenti li lmentaw miegħu dwar it-tnaqqis ta' aktar spażju fejn huma jistgħu jipparkjaw.

5.9.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono wieġeb li l-faċilità hija limitata għall-ċerti hinijiet biss tal-ġurnata, bis-Sibitjiet sa nofsinhar u fil-Ħdud ma tapplikax. Huwa qal li għad trid titwaħħal tabelli li tindika dan.

## 5.10.1. Ħidma kontra d-droga mill-uffiċjali tas-SEDQA (A/8/1)

5.10.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg għarraf li f'kuntatti li huwa kellu ma' uffiċjali tas-SEDQA ntweriet l-intenzjoni, li flimkien mal-Pulizija tal-Komunità, jżuru postijiet bħal Park tal-Familja sabiex jittellgħu sessjonijiet informattivi u jqassmu materjal stampat dwar il-vizzji li jistgħu jaqgħu fihom. Huwa qal li ser jagħti aktar dettalji dwar dan iktar 'l quddiem.

5.10.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.11.1. Attivitajiet għall-anzjani (A/1/1/Vol II)

5.27.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li saret laqgħa miftuħa għall-pubbliku fiċ-Ċentru Anzjanità Attiva fis-17 ta' Novembru 2021. Din kienet intiża sabiex tingħata promozzjoni għal servizzi li jirrigwardjaw lill-anzjani. Hija qalet li kien hemm attendenza sodisfaċenti.

5.27.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.12.1. Servizz dwar testijiet tad-demm mill-Berġa (M/8/Vol VI)

5.12.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini qalet li qed jiġi osservat li hemm domanda kbira għal testijiet tad-demm mir-residenti tal-Mellieħa u l-Manikata. Attwalment servizz bħal dan jingħata mill-klinika lokali (Berġa) tliet darbiet fil-ġimgħa, meta jkun hemm kamra disponibbli. Meta wieħed iqis in-numru ta' appuntament li qed jiġu reġistrati, sar appell permezz mal-Kap Eżekuttiv tad-Dipartiment tal-Kura Primarja sabiex ikun hemm attendenza aktar frekwenti. Ġie propost li t-titjib tas-servizz jista' ikun possibbli bit-twaqqif ta' ħajt diviżorju fil-parti fejn jistenna l-pubbliku.

5.12.2. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet.

### 5.13.1. Introduzzjoni ta' sistema *one-way* fi Triq Salvu Camilleri (T/3/2/Vol XV)

5.13.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-*post* li kien hemm fil-medja soċjali fejn il-Group Scout Leader tal-Mellieħa allega li l-introduzzjoni tal-arranġament imsemmi kien ibbażat fuq ġidba, li ġiet attribwita lilha. Hija qalet li dan mhux minnu għaliex attwalment it-traffiku miexi aħjar billi l-wisa' tat-triq ma jippermettix mod ieħor. Hija qalet li l-argument beda wara li vettura ġiet ipparkjata abbużivament quddiem it-trejqa li twassal għall-kwartieri tal-iScouts. Hija rrappurtat dan lill-Pulizija tal-Komunità sabiex l-istess vettura ma tibqax tostakola l-aċċess. Is-Sinjura Brincat Stellini talbet lill-Kunsill sabiex dan l-aġir jinġieb għall-attenzjoni tal-iScouts Association.

5.13.3. Is-Sindku D. Vella rrimarka li d-deċiżjoni dwar l-introduzzjoni tal-*one-way* kienet kollettiva, wara diskussjoni. Ir-rakkomandazzjoni ġiet komunikata lil Transport Malta għall-approvazzjoni finali skont ma titlob il-liġi.

5.13.4. Il-Kunsill qabel li dan il-każ jiġi mgħoddi lill-iScout Association.

### 5.14.1. Ħajt imġarraf fi Triq it-Tabib Joseph Grech Attard (W/2/Vol II)

5.14.2. Il-Kunsillier M. Abela rrefera għall-parti tal-ħajt imġarraf madwar il-Fortizza tas-Salib. Huwa kkummenta li jista' ikun li t-tiswija mhux qed isir kif suppost, peress li tħalla ġebel li għandu jinħatt biex ix-xogħol isir skont l-arti u s-sengħa.

5.14.3. Il-Kunsill qabel li għandha tinġibed l-attenzjoni tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma.

### 6.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku Dario Vella, li tgħid:

***"Billi saru sejħiet għall-kwotazzjonijiet CfQ: MLC 4/2021 skont ir-Regolamenti dwar l-Akkwist mill-Kunsilli Lokali (L.S.363.186), liema sejħa tinvolvu t-tiżjin bid-dwal għall-Milied 2021 u l-Ewwel tas-Sena 2022 fi Triq Ġorġ Borg Olivier, Triq il-Kbira; Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II; Triq il-Parroċċa, Misraħ il-Parroċċa (Mellieħa); u Misraħ il-Parroċċa (Manikata);***

***Billi s-sottomissjonijiet li saru mill-uniku offerent li kien hemm kienet kompatibiltà mal-ispeċifikazzjonijiet mitluba, skont kif spjegat fir-Rapport ta' Evalwazzjoni tad-9 ta' Novembru 2021;***

***Billi l-ispiża konnessa ma' dan ix-xogħol hemm provdut għaliha fl-estimi tas-sena finanzjarja 2021, taħt il-vot Nru. 3370, kif ukoll taħt skema amministrata mir-Reġjun Tramuntana għal dan il-għan;***

***Il-Kunsill jirriżolvi li l-kuntratti illi jipprovdu għas-servizz msemmi għandu jiġi ffirmat mal-offerent Carl Caruana, skont il-kundizzjonijiet u l-ispeċikazzjonijiet inklużi fid-dokument tal-offerta.". (T/4/15)***

6.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier I. Castillo.

## 7.1. Tħejjijiet għal Jum il-Kunsill u Milied Mellieħi

**(A/5/3/1/Vol XVII) (A/5/3/6/Vol VIII)**

7.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini qalet li fir-rigward ta' Jum il-Kunsill, saret laqgħa fit-23 ta' Novembru 2021 mal-uffiċjali tal-Kunsill M. Gambin u P. Caruana, li qed jaħdmu fuq dawn l-avvenimenti. Ipparteċipaw fl-istess laqgħa s-Sindku D. Vella u l-Viċi Sindku J. Buttigieg. Ingħatat ħarsa lejn iċ-*checklist* tal-inkarigi li ġew assenjati fil-laqgħa preċedenti, kif ukoll ir-riżorsi li ser ikunu meħtieġa biex dawn jiġu osservati.

7.3. Is-Sindku D. Vella għarraf li l-pubbliku taħt it-tinda ma jistax jaqbeż 135 persuna.fid-dawl tar-restrizzjonijiet marbuta mal-pandemija. Għaldaqstant, fil-każ tal-għaqdiet għandhom ikunu mistiedna l-president, is-segretarju, u membru ieħor bis-sieħeb.

7.4. Il-Kunsillier G. Micallef ppropona li l-attività tiġi *streamed*, peress li l-udjenza ser tkun ristretta fin-numru minħabba r-restrizzjonijiet marbuta mal-pandemija.

7.5. Ġiet ukoll stabbilita r-*running order* tas-serata. Is-Sinjura A. Brincat Stellini spjegat li għas-serata kommemorattiva ta' Sammy Bartolo, ser ikantaw *live* tnejn minn uliedu u jintwera bil-filmati tiegħu fl-isfond. Hija għarrfet ukoll li l-Ministru tat-Turiżmu u Protezzjoni tal-Konsumatur l-Onor. Clayton Bartolo laqa' l-istedina sabiex is-serata tkun taħt il-patroċinju tiegħu.

7.6. Is-Sindku D. Vella għarraf li l-Kunsill ġie mgħarraf li ser jibbenefika minn €23,182 b'riżq Milied Mellieħi, taħt l-Iskema mħabbra b'ċirkulari SPI/SCI/6/2021 tal-15 ta' Settembru 2021. Huwa qal li d-differenza bejn l-istima ndikata fis-seduta preċedenti ser tiġi ffinanzjata mill-vot 3370 tal-Attivitajiet Kulturali.

7.7. Is-Sur D. Vella aċċenna li r-Reġjun Tramuntana ser ikun qed jalloka €1,000 sabiex isiru wirjiet pirotekniċi fl-Ewwel tas-Sena fil-lokalitajiet imsieħba. Huwa ppropona li l-Kunsill jissupplimenta din l-inizjattiva bl-istess ammont.

7.8. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg qal li l-kontributi għandhom ikunu distinti minn xulxin sabiex jiġi żgurat li jintgħata riżultat tal-flus imħallsa.

7.9. Il-Kunsillier E. Bartolo ssuġġerixxa li l-wirjiet ikunu f'ħinijiet differenti u mħabbra lill-pubbliku bil-mezzi disponibbli.

7.10. Il-Kunsill approva l-ispiża ndikata fil-minuta 7.7.

## 8.1. Evalwazzjoni ta' nomimi eligibbli għall-onoreficenzji mogħtija mill-Kunsill

**(A/5/3/1/Vol XVII)**

8.2. Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf li d-data tal-għeluq għas-sottomissjoni tan-nomini għall-onoreficenzi kienet is-16 ta' Novembru 2021. Kien hemm tlieta li ġew imġeddin, filwaqt li kien hemm tliet persuni li ġew nominati għall-ewwel darba, kif jidher hawn taħt:

| | | |
|---|---|---|
| Dimech Rev. Mario | Ċentru Laburista - Mellieħa | 2021 |
| Dimech Rev. Mario | Uffiċċju Parrokkjali - Mellieħa | 2021 |
| Borg Josef | Għaqda Mużikali Imperial | 2021 |
| Vella Joseph | Uffiċċju tal-Partit Nazzjonalista- Mellieħa | 2021 |

| | | |
|---|---|---|
| Deguara Maria | Societa' Filarmonica La Vittoria | Imġedda mill 2014 |
| Fenech John | Societa' Filarmonica La Vittoria | Imġedda mill-2015 |
| Buttigieg John Mary | Uffiċċju tal-Partit Nazzjonalista- Mellieħa | Imġedda mill-2015 |

8.2. F'dan l-istadju, is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono talab lill-Kunsill jikkonferma l-Bord ta' Rakkomandazzjoni li kien hemm qabel, jew jaħtar bord ġdid.

8.3. Il-Kunsill ikkonferma l-membri li kien hemm fl-edizzjoni tal-2019, u qbil li għandu jiġi msejjaħ jiltaqa' fit-30 ta' Novembru 2021 sabiex fit-2 ta' Diċembru 2021 il-Kunsill ikun jista' jiltaqa' informalment sabiex jiddiskuti r-rakkomandazzjonijiet tal-Bord. Id-deċiżjonijiet li jittieħdu jiġu ratifikati permezz ta' riżoluzzjoni li titressaq fis-seduta li jmiss.

## 9.1. Użu ta' servizzi mogħtija minn Project Plus Ltd (P/4/27)

9.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li uffiċjali tal-entità pubblika msemmija avviċinaw lill-amministrazzjoni tal-Kunsill dwar servizzi li huma jagħtu. Ġie spjegat li dawn jvarjaw minn tfassil ta' proġetti, applikazzjoni għall-permess, *procurement*, saħħa u sigurtà fuq il-lant tax-xogħol, supervizzjoni, ċertifikazzjoni tax-xogħol, eċċ. Bħala proġett ġie ndikat dak tal-ġnien pubbliku fiż-żona ta' Mellieħa Heights li l-perit inkarigat kien stmaħ €430,000, filwaqt li Projects Plus Ltd qed jistmawħ €590,000.

9.3. B'dan bħala proġett, Projects Plus Ltd, ikkwotaw spiża ta' €123,192 għas-servizzi li diġa ssemmew. Din fil-fatt tammonta għal 17% tal-ispiża totali. Jidher li hemm xi servizzi li huma dupplikati meta jitqies li diġa saru ċerti tħejjijiet fuq dan il-proġett, u għalhekk jistgħu jinqatgħu mill-istima.

9.4. Biex sar paraġun, il-Kunsill ħa l-proġett tal-*Heritage Trail* ta' Selmun, li b'kollox sewa €1,080,000, fejn jirriżulta li 94.6% tan-nefqa kienet marbuta max-xogħol li sar fiżikament fuq il-post, filwaqt li 2.9% biss kienu relatati ma' proċeduri amministrattivi u promozzjonali.

9.5. Apparti dan l-eżerċizzju għaddejjin kuntatti mad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali dwar jekk il-Kunsill huwiex awtorizzati li jagħti xogħol dirett lil Projects Plus Ltd abbażi tal-fatt li hija entità pubblika.

9.6. Fid-dawl tal-kalkoli li saru skont il-minuta 2.5 aktar 'il fuq, il-Kunsill kien tal-fehma li l-ispiża kkwotata hija eżorbitanti, anke meta jinqatgħu *items* li diġa twettqu.

## 10.1. Proġetti kapitali għas-sena 2022 (F/1/33)

10.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono fakkar li l-proġetti kapitali li għadhom ma ġewx attwati, jew konklużi mis-sena 2022, huma s-segwenti:

| **7200** | **Titjib** |
|---|---|
| 7220 | Ċirkwiti ġodda għad-dwal f'sensiela ta' toroq approvati (Kofinanzjament taħt id-*Development Planning Fund* tal-Awtorità tal-Ippjanar) |

| **7300** | **Tagħmir** |
|---|---|
| 7312 | Sistemi ta' CCTV fi Triq Ġorġ Borg Olivier, fi Ġnien Dun Anton Debono, fil-Park tal-Familja, u fi Triq l-Iżbark tal-Franċiżi (Kofinanzjat taħt il-Fond tal-LESA) |

| 7500 | **Programmi Speċjali** |
|---|---|
| 7505 | Restawr tal-Batterija ta' Westreme u titjib fil-Mużew tat-Tunnara (Kofinanzjament minn Fondi Ewropej) |
| 7512 | Ġwiebi fi Ġnien il-Qigħan u Ġnien tas-Salib (soġġett għall-approvazzjoni tal-fondi u possibilment finanzjament taħt il-Fond BELLUS tal-ERA) |
| 7517 | Tisbiħ ta' Triq l-Inkurunazzjoni (Ftehim DPF) |
| 7527 | Ġnien Pubbliku fi Triq Mons Franġisk Xuereb/Triq in-Nahal/Triq, Etna |
| 7532 | *Lift* Panoramiku bejn Triq l-Inkurunazzjoni u Misraħ il-Parroċċa (Soġġett għall-ħruġ tal-permess mill-Awtorità tal-Ippjanar u kofinanzjat taħt skema tad-DGL) |
| 7534 | Proġett dwar l-iżvilupp ta' *Green Infrastructure* (Kofinanzjament minn Fondi Ewropej) |
| 7535 | Restawr tan-Niċċa tal-Madonna fil-Marfa (Kofinanzjament minn Fondi Ewropej) |

10.3. Inġibdet l-attenzjoni li l-Kunsill qed jistenna l-eżitu` ta' talbiet għal finanzjament li saru taħt skemi tad-DGL fir-rigward ta' *multi-purpose court* u d-*dressing rooms* tal-Park tal-Familja, kif ukoll fir-rigward ta' tisbiħ fit-taraġ ta' Triq il-Madonna tal-Għar.

10.4. Is-Sur C. Debono fakkar li aktar kmieni l-Kunsill kien qabel li għandu jitkompla l-proġett ta' lampi ornamentali fi Triq il-Mejjiesa u Triq il-Biedja fil-Manikata.

10.5. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg ippropona li għandha titkompla iniżjattiva dwar l-instazzjoni ta' dwal ornamentali, fir-rigward ta':

- Triq il-Mitħna l-Ġdida, bejn Triq Edward Camilleri u 'l isfel minn Triq is-Santwarju;
- Triq is-Santwarju;
- Triq il-Madonna tal-Għar (bejn Triq Ġnien Ingraw u Triq it-Tramuntana);
- Triq San Publiju (bejn Triq Ġnien Ingraw u Triq it-Tramuntana);
- Triq Qalb Imqaddsa (bejn Triq Ġnien Ingraw u Triq it-Tramuntana); u
- Triq il-Madonna tal-Għar (bejn Triq Ġnien Ingraw u Triq it-Tramuntana).

10.6. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono fakkar li l-Kunsill kien qabel aktar kmieni li għandhom jiġu nstallati dwar ornamentali fi Triq il-Mejjiesa u Triq il-Biedja fil-Manikata.

10.7. Fir-rigward tad-dwal ornamentali tat-toroq kien hemm qbil li għandu jintalab finanzjament taħt id-*Development Planning Fund* tal-Awtorità tal-Ippjanar.

10.8. Il-Kunsill qabel fuq il-proġetti ġodda ndikati għandhom jiġu nkorporati fl-Estimi 2022, sakemm dawn ikunu jistgħu jiġi koperti bil-fondi disponibbli.

## 11.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti

11.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 19 ta' Novembru 2021.

11.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal, skont l-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

11.4. Tressqet skeda ta' infieq li sar permezz tal-*petty cash* bejn il-5 ta' Ottubru u l-10 ta' Novembru 2021.

11.5. Tressqet ukoll skeda ta' pagamenti li tkopri bejn is-27 ta' Ottubru u d-19 ta' Novembru 2021.

11.6. Il-Kunsill approva l-akkwist u l-pagamenti kollha fit-tliet skedi msemmija. Kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku: https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes-List.aspx

## AĠĠORNAMENT

Bi ftehim bejn il-membri eletti preżenti, is-seduta spiċċat fil-10.00 pm, u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 21 ta' Diċembru 2021 fis-6.00 pm.

| | |
|---|---|
| Dario Vella | Carmel Debono |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |